# Fw: Attenzjoni

2 messages

**Doreen Fenech** <doreen_fenech@hotmail.com> Sat, Mar 11, 2023 at 7:41 PM
To: Nicholas Grech <nicho.grech@gmail.com>

**From:** Doreen Fenech <doreen_fenech@hotmail.com>
**Sent:** Saturday, March 11, 2023 7:38 PM
**To:** ch@ombudsman.org.mt <ch@ombudsman.org.mt>
**Subject:** Attenzjoni

Kummissarju għas-saħħa, Prof. Raymond Galea,

Qed niktbulek rigward ħuna Nicholas Grech (IDno:435076M) li għadu jsofri abbużi fuq abbużi għax kull fejn ħabbat ma sabx ħlief bibien magħluqa u l-krib għall-għajnuna tiegħu dejjem waqgħu fuq widnejn torox. Ġara l-istess meta ħabbat il-bieb tieghek, addirittura wara l-laqgħa miegħek fit-22 ta' Frar 2023, mank stennew ġurnata oħra biex ma jagħmluhiex daqshekk ovvja, daqshekk għandhom ħdura għall-pazjent, ħadulu l-mobile biex ikomplu abbużivament jiżolawh (pazjent tih vuċi, isimgħu mhux toħnoqlu l-vuċi) għax kixef tant abbużi u fadallu x'jikxef. Flok jittieħdu passi kontra min jabbuża, jivvendikaw ruħhom minn ħuna li jazzarda jitkellem. Imma ma waqfux hemm għax biex ikomplu jikkonfermaw kemm apposta kienu qed jivvendikaw ruħhom minn ħadd ħlief ħuna, fit-2 ta' Marzu 2023 ħarġulu restriction of Freedom of Communication order(mehmuża), daqshekk ħuna kien profetiku, dejjem tirrepeti l-istess storja meta kitiblek li dawn dejjem isibu l-management lesti jgħattulhom l-abbużi tagħhom, dejjem isibu l-Kummissarju għas-Saħħa Mentali lest jgħinhom biex jivvendikaw ruħhom mill-pazjent li jazzarda jitkellem flok jindenja jinvestiga l-ilmenti u l-abbużi kif obbliogat jagħmel, jagħżel minflok li jkun parteċipi fl-abbużi . Taf sew li l-Mental Health Act artiklu 3.1.r jgħid li pazjent għandu jkollu "Free and unrestricted communication with the outside world" imma biex ngħattu l-abbużi tal-kbarat u tal-ħbieb tal-ħbieb, jagħmlu l-oppost ta' li tgħid il-liġi u ħuna dejjem jispiċċa iżolat u l-vittma għal darba tnejn, addirittura anki meta jipprova jkun ta' vuċi għall-pazjenti oħra. Meta l-istaff kissrulu l-laptop u apposta ma ħallewhx juża wieħed aktar, għamluhielu aktar diffiċli jkompli jikxef l-innoċenza tiegħu, bla mobile prattikament ġie kkundannat għal għomru jibqa' maqful innoċentament biex il-ħbieb u l-irjus kbar kompliċi ta' tant abbużi fuq ħuna jibqgħu jevadu l-liġi u jiġġerraw barra. Kull ġurnata li ħuna qed jgħaddi maqful innoċentament hi ġurnata anqas għalihom li suppost ilhom li qegħdin il-ħabs. Ħuna fl-emails li bagħtlek għarrfek bil-website li minkejja l-ostakli kollha rnexxielu jwaqqaf, fejn hemm l-evidenza kollha, kellek ċans tivverifika li trid u fl-imsemmija laqgħa ma ħuna jekk kien hemm xi dubji fuq l-abbużi ġew aktar iċċarati (ma naħsibx li qgħadtu titkellmu fuq l-għasafar) u dak li ħuna kellu jsofri fl-aħħar jiem konsegwenza tal-laqgħa miegħek, tkompli tikkonferma kemm pazjent fl-isptar Monte Carmeli flok jgħinuh aktar jaraw kif ikissruh u jagħmlu dan bil-libertà kollha u tant arditizmu għax jafu li ma jista' ħadd għalihom.

Nħossu li għandek terfa' r-responsabilità għal dan kollu, bl-evidenza pprovduta taf sew li ħuna hu ssekwestrat, reat kriminali gravissimu fost tant abbużi sfaċċati oħra u bħala bniedem li tokkupa pozizzjoni importanti bħala Kummissarju għas-Saħħa ma tistax tħalli sptar, faċilita pubblika jintuża biex fih isiru tant abbużi u jiġu ssekwestrati n-nies, b'ħuna l-vittma per eċċellenza ta' dan kollu. Ma nagħmlux mod li l-laqgħa tiegħek ma ħuna kienet biss messa 'n scena ntiża biex tikseb dettalji bħalma ħuna qallek li sa l-avukata ffrodatu, biex darba taf li hu abbandunat bla għajnuna ta' ħadd, ittihom id-dritta biex ikomplu jabbużawh bil-libertà kollha?

Wieħed irid ikun veru sadist jaf li hemm bniedem maqful innoċentament sekwestrat abbużat, u ma jitkellimx, ma jieħux passi, jekk mhux ukoll jasal ikun parteċipi hu stess fl-abbużi.

Tislijiet

Marianne Grech

Doreen Fenech u l-familja

---

**Doreen Fenech** <doreen_fenech@hotmail.com> Thu, Mar 16, 2023 at 3:55 PM
To: Nicholas Grech <nicho.grech@gmail.com>

---

**From:** Commissioner for Health <ch@ombudsman.org.mt>
**Sent:** Thursday, March 16, 2023 6:54 AM
**To:** Doreen Fenech <doreen_fenech@hotmail.com>
**Subject:** RE: Attenzjoni

**Każ Nru CH-23-3497**

16 ta'Marzu 2023

Is-Sa Doreen Fenech

E-mail: doreen_fenech@hotmail.com

Għażiża Sinjura Fenech

Grazzi tal-email tiegħek li sfortunatament daħlet fl-spam tal-account tagħna.

Is-sitwazzjoni ta' ħukhom qed tiġi investigata u fil-fatt għandi laqgħa man-nies kollha involuti fil-każ.

Din il-laqgħa għandha ssir il-ġimgħa d-dieħla.

Tislijiet

Prof Raymond Galea

Kummissarju tas-Saħħa

ch reduced 4 copy

[Quoted text hidden]